Mellieħa

26 ta' Diċembru 2024

# ID-DISA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 7**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għas-seduta tal-Kunsill Lokali numru **7** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tnejn 30 ta' Diċembru, 2024 fil-5.30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

---

## AĠENDA

7.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

7.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

7.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

7.4. Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

7.5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' onorefiċenzi u apprezzamenti fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2024;

7.6. Mozzjoni dwar il-bdil ta' firmatarju fir-rigward ta' transazzjoni bankarji;

7.7. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2024;

7.8. Estimi Finanzjarji 2025 u l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità;

7.9. Sejħiet għall-offerti dwar servizz manutenzjoni ta` tabelli u sinjali tat-traffiku;

7.10. Sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' vettura double cab pickup;

7.11. Kunsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

7.12. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

**7.5.** Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera E. Bartolo, li tgħid:

"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;

Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fl-20 ta' Novembru 2024, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tal-25 ta' Novembru 2024, liema rapport ġie diskuss waqt is-seduta tal-Kunsill li saret fis-27 ta' Novembru 2024;

Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;

Iżda billi l-kriterji jipprovdu wkoll li ex-Sindku u ex-Kunsillier li serva f'żewġ kunsilli huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, kif ukoll li kunsillier li serva f'kunsill wieħed jikkwalifika għal "Rikonoxximent" l-ex-Sindku Dario Vella u l-ex-Kunsilliera Annabelle Brincat Stellini għandhom jingħataw il-"Ġieħ" filwaqt l-ex-Kunsillier Marvin Abela jingħata "Rikonoxxument".

Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";

Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:

- Is-Sur Dario Vella – Ex-Sindku tat-Tmien Kunsill;
- Is-Sinjura Annabelle Brincat Stellini – Ex-Kunsilliera li serviet fis-Seba' u Tmien Kunsill;
- Art Club 2002 – Promozzjoni tal-arti u l-artiġġjanat;

filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":

- Is-Sur Marvin Abela – Ex-Kunsillier li serva fit-Tmein Kunsill;
- ħIs-Sur Charles Attard – Volontarjat f'diversi għaqdiet;
- Is-Sur John Debono – Volontarjat fi ħdan għaqda mużikali; u
- Is-Sur John Vella – Volontarjat fil-qasam parrokkjali;

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":

- Is-Sinjura Carmen Chetcuti - Servizz volontarju fil-qasam parrokkjali fil-Manikata;

Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fis-Seduta tas-27 ta' Novembru 2024, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2024, fil-lukdanda Radisson SAS Golden Sands f'Għajn Tuffieħa.". (A/5/3/1/Vol XVII)

Emvin Bartolo
Proponent

Jude Cauchi
Sekondant

**7.6.** Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef, li tgħid:

"Billi r-regolamenti 19, 20, 21, u 22 tar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) jobbligaw lis-Segretarju Eżekuttiv iħaddem kontijiet bankarji miżmuma f'isem il-Kunsill Lokali;

Billi s-Segretarju Eżekuttiv fil-kariga, is-Sur Carmel Debono ser ikun qed bil-*leave* tal-irtirar tiegħu bejn it-13 ta' Jannar u t-12 ta' April 2025;

Il-Kunsill jirriżolvi li jawtorizza lis-Sinjura Marica Gambin biex taqdi l-funzjonijiet indikati billi ser tkun qed tassumi l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett mit-13 ta' Jannar 2025.". (B/1/Vol II)

Gabriel Micallef
Proponent

Kurt Buttigieg
Sekondant